**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Ryan Debattista**

**Omissis**

**Kaz Nru: 569/2013**

**Illum 23 ta' Mejju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Ryan Debattista detentur tal-karta tal-identita' numru 73791M u omissis.

Akkużati talli fl-1 ta' Lulju 2011 f' Malta assoċjajtu ruħkom flimkien bil-għan li tagħmlu delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, u aktar talli;

Nhar l-1 ta' Lulju 2011, għall-ħabta tat-8:15pm f'binja ta' kostruzzjoni li tinsab fi Triq Mdina Ħaż-Żebbuġ Malta, bil-ħsieb li tagħmlu delitt u cjoe attentat ta serq aggravat bil-mezz, bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u, disgħin ċentezmu (232.94) u bil-ħin għad-detriment tas-sid Godfrey Cassar u jew persuni u jew entita/jiet oħra, u billi wrejtu dan il-ħsieb b'atti esterni u tajtu bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma' ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħkom;

Rat li l-uffiċjal prosekutur irtira l-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat.

Semghet lill-imputat jammetti t-tieni imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u li huwa kkonferma l-istess ammissjoni wara li l-Qorti tatu żmien jirrikunsidra l-posizzjoni tiegħu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel imputazzjoni ġiet irtirata.

Illi in vista tal-ammissjoni, it-tieni imputazzjoni ġiet sodisfaċjentement ippruvata.

Inkwantu għall-piena li għandha tiġi erogata, il-Qorti qegħda tieħu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, l-ammissjoni u ċ-ċirkostanzi tal-każ. Tqis għalhekk li huwa opportun li l-imputat jitpoġġa taħt Ordni ta' Probation.

**Decide**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(ċ)(f), 263, 267, 270, 278(3) u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tpoggih taħt Ordni ta' Probation għal żmien tmintax (18) –il xahar millum, u dan bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u jekk ma joqgħodx għall-ordnijiet tal-Uffiċjal tal-Probation.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Uffiċċju tal-Probation u Parole.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**

**Cora Azzopardi**
**Deputat Reġistratur**